Iċ-Ċifri tal-Finanzi tal-Gvern: Jannar-Ottubru 2026

NR 219/2026 | Il-Finanzi Pubbliċi | Data tal-Ħruġ: **27/11/2026**



Il-Punti ewlenin

- Sa tmiem Ottubru 2026, il-Fond Konsolidat tal-Gvern irreġistra defiċit ta' €695.4 miljun.
- Meta mqabblin mas-sena ta' qabel, id-dħul rikorrenti tela' b'€747.9 miljun, filwaqt li n-nefqa sħiħa żdiedet b'€1,069.3 miljun. Iż-żieda fin-nefqa kienet akbar minn dik fid-dħul rikorrenti biex b'hekk kien hemm bidla negattiva ta' €321.5 miljun fil-Fond Konsolidat tal-Gvern.
- L-akbar żieda fid-dħul ġiet mit-Taxxa tad-Dħul (€352.8 miljun), filwaqt li l-Programmi u Inizjattivi (€575.0 miljun) irrappurtaw l-akbar żieda fost il-kategoriji tan-nefqa.
- Sa tmiem Ottubru 2026, id-Dejn kollu tal-Gvern Ċentrali kien jgħodd €12,182.7 miljun, €997.6 miljun aktar mill-istess xahar fl-2025.

Il-Kummentarju

Sa tmiem Ottubru 2026, il-Fond Konsolidat tal-Gvern irreġistra defiċit ta' €695.4 miljun.

Minn Jannar sa Ottubru 2026, id-Dħul Rikorrenti kien ta' €7,129.2 miljun, €747.9 miljun aktar minn dak irrappurtat sena qabel. L-akbar żidiet kienu rreġistrati fit-Taxxa tad-Dħul (€352.8 miljun), fit-Taxxa fuq il-Valur Miżjud (€256.7 miljun) u fis-Sigurtà Soċjali (€92.7 miljun). Min-naħa l-oħra, kien irrappurtat dħul anqas fil-Miżati tal-Uffiċċju (€37.9 miljun), fir-Rimborżi (€3.6 miljuni) u fl-imgħax fuq self magħmul mill-Gvern (€0.3 ta' miljun).

Sa tmiem Ottubru 2026, in-nefqa kollha kienet ta' €7,824.5 miljun, li hija €1,069.3 miljun aktar mis-sena ta' qabel.

Fiż-żmien ta' riferenza, in-Nefqa Rikorrenti kienet ta' €6,721.8 miljun, li hija żieda ta' €863.6 miljun meta mqabbla mal-€5,858.1 miljun li kienu rrappurtati fis-sena ta' qabel. Iż-żieda ta' €575.0 miljun fil-Programmi u Inizjattivi kellha l-akbar sehem f'din iż-żieda. Aktar żidiet kienu rreġistrati fis-Salarji u Pagi (€130.1 miljun), fl-Ispiża tal-Operat (€126.0 miljun), u fil-Kontribuzzjonijiet lill-Entitajiet tal-Gvern (€32.6 miljun).

L-iżviluppi prinċipali fil-kategorija tal-Programmi u Inizjattivi kienu nefqiet akbar fuq il-Benefiċċji tas-Sigurtà Soċjali (€129.1 miljun), fil-Miżuri ta' għajnuna għall-enerġija (€127.4 miljun) u fil-Mediċini u materjali kirurġiċi (€32.4 miljun).

L-imgħax fuq id-dejn pubbliku laħaq il-€276.4 miljun, żieda ta' €33.7 miljun meta mqabbel ma' sena qabel.

Sa tmiem Ottubru 2026, in-nefqa kapitali tal-Gvern kienet ta' €826.4 miljun, li hija €172.0 miljun aktar meta mqabbla mal-istess żmien fl-2025. Infiq akbar kien irrappurtat, fost oħrajn, fuq Proġetti tal-Pjan għall-Irkupru u r-Reżiljenza (RRP) (€71.9 miljun), ix-Xiri ta' proprjetà għal għanijiet pubbliċi (€43.4 miljun) u Proprjetà, Impjant u Tagħmir (€21.0 miljun).

Id-differenza bejn id-dħul u l-infiq sħaħ uriet defiċit ta' €695.4 miljun fil-Fond Konsolidat tal-Gvern fi tmiem Ottubru 2026, meta mqabbel ma' defiċit ta' €373.9 miljun ta' sena qabel. Din id-differenza tirrifletti żieda fid-Dħul Rikorrenti sħiħ (€747.9 miljun), li ġiet ikkumpensata minn żieda akbar fin-nefqa sħiħa, li hija magħmula min-Nefqa Rikorrenti (€863.6 miljun), mill-Imgħax (€33.7 miljun) u min-Nefqa Kapitali (€172.0 miljun) (Tabella nru 1).

Fl-aħħar ta' Ottubru 2026, id-dejn tal-Gvern Ċentrali kien ta' €12,182.7 miljun, żieda ta' €997.6 miljun meta mqabbel mal-2025. Iż-żieda rreġistrata fl-Istokks tal-Gvern ta' Malta (€993.0 miljun) kienet il-kontribut ewlieni għaż-żieda fid-dejn. Aktar dejn kien irreġistrat ukoll fil-Kambjali tat-Teżor (€133.6 miljun) u fil-ħruġ tal-muniti tal-ewro f'isem it-Teżor (€4.8 miljuni). Fid-direzzjoni opposta, kien hemm tnaqqis fid-Dejn Barrani (€80.1 miljun) u fl-Istokks ta' Tifdil 62+ tal-Gvern ta' Malta (€30.6 miljun). Fl-aħħar, investimenti akbar minn fondi tal-gvern fl-Istokks tal-Gvern ta' Malta wasslu għal tnaqqis ta' €23.1 miljun fid-dejn (Tabella nru 6).

Ċart nru 1. Is-surplus/id-defiċit fil-Fond Konsolidat
Jannar-Ottubru bis-sena



Ċart nru 2. Id-dħul rikorrenti maqsum bil-kategoriji ewlenin
Jannar-Ottubru 2026



Ċart nru 3. In-nefqa maqsuma bil-kategoriji ewlenin
Jannar-Ottubru 2026



Il-Finanzi Pubbliċi

Stqarrijiet tal-Aħbarijiet Oħra

Iċ-Ċifri tal-Finanzi tal-Gvern: Jannar-Settembru 2026

Id-Dħul mit-Taxxi: 2025

Il-Bilanċ Fiskali u d-Dejn tal-Gvern Ġenerali taħt it-Trattat ta' Maastricht: It-Tieni Rappurtar għall-2026

Il-Kontijiet ta' Kull Tliet Xhur tal-Gvern Ġenerali: K2/2026

Iċ-Ċifri tal-Finanzi tal-Gvern: Jannar-Awwissu 2026

Temi Oħra Relatati

Il-Ħarsien Soċjali

Il-Kontijiet Nazzjonali

Għal mistoqsijiet ikkuntattja:

publicfinance.nso@gov.mt

Għal aktar data, jekk jogħġbok żur:

L-Indikaturi Magħżula